# KUNĊERT-MEDITAZZJONI TAL-AVVENT

Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru 2020

MALTA

Maestro Christian Alejandro Almada,
orgni u kitba

## L-Ewwel ħsieb

L-Avvent huwa żmien l-istennija...

L-isennija hija xi ħaġa strutturali għall-bniedem. Kull wieħed u waħda minna għandu jirrikonoxxi mill-esperjenza tiegħu, li sa ċertu punt ħajjitna hija mimlija 'stennija' – tkun xi tkun il-forma li wieħed ikun qed jesperjenzha. Nistgħu ngħidu, li l-istennija hija l-istruttura tal-istess natura tagħna, u ta' ruħna. Sturtturalment il-bniedem jistenna; stutturalment huwa mendikanti: għaliex stutturalment il-ħajja hija wiegħda li trid titwettaq.

L-Avvent jiġi ppreżentat kull sena bħala parabbola tal-esitenża proprju tagħna: nistennew kompletament li titwettaq fl-istess ħajja tagħna. Bħala Nsara nafu li dan it-twettiq diġa' "ġie fuqna b'mod għaqli u b'mod intelliġenti". Bħala Nsara nistennew it-twettiq komplut ta' dan id-don.... dan ngħiduh kull darba li nieħdu sehem fil-Quddiesa: " **Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, nistnnewk sa ma' tiġi fil-glorja**". Nistennew il-miġja tal-Mulej tagħna Ġesù, għalhekk nibdew il-meditazzjoni tagħna tal-Avvent billi ngħidu: "**Ejja, Redentur tal-popli**", "**Ejja issa, "Ġesù, mil-għoli tas-smewwiet**" bit-tlitt korali ta' Johann Sebastian Bach.

Għall-ewwel żewġ korali li se nisimgħu (żewġ versjonijiet diversi mill-istess korali: "Nun komm, der Heiden Heiland" – Ejja Redentur tal-popli ) – Bach kien ispirat mit-traduzzjoni Ġermaniża li Martinu Luteru għamel mill-melodija gregorjana tal-innu "Vieni redemptor Gentium" (miktub minn Sant'Ambroġ).

It-tielet: "Kommst du nun, Jesu..." (Ejja issa, Ġesu, mill-għoli tas-smewwiet) hija traskrizzjoni u addatament għall-orgni mill-Aria għal kontralto u vjolin mill-istess Kantata n.137: ferħ u freskezza jikkarterizzaw din it-talba:

**Bach BWV 599;659; 650**

---

## It-tieni ħsieb

Waħda mill-karatteristiċi tal-Avvent fid-dawl tal-miġja tal-Mulej - hija li nkunu mqajma. Hawn fejn ninsabu msejħa bħal verġni prudenti tal-parabbola; imsejħa biex inħallu l-imsiebaħ tagħna pronti, inħallu disponibbilità fil-qalb tagħna, biex taċċetta liberalment lill-Mulej.

B'kontinwazzjoni nisigħmu żewġ verżjonjiet tal-korali: Wachet auf, ruft uns die Stimme (Qumu! Il-Vuċi qed issejħilna!)

L-ewwel hija il-korali ta' Bach għall-orgni li hija spunt meħuda mill-kantati tiegħu tal-Avvent (no: 140).

It-test tal-kantata ispirat mill-parabbola tal-għaxar xebbiet verġni - huwa kumment bibbliku tajjeb li Bach jiddeskrivi fil-mużika tiegħu; infatti l-logħob ritmiku u allegru tal-id il-leminija miżmum mill-baxx fejn tinstema' it-tromba li ġġib il-melodija tal-korali:

**Qumu! għajtu l-ilħna tal-għassiesa,**
**qed jgħajtulna mill-għoli tat-torri,**
**qumu, o Belt ta' Ġerusalemm!**
**Nofs il-lejl daqq;**
**huma qed isejħulna b'vuċi ċara:**
**fejn qegħdin, verġni għarfa?**
**Għaġġlu, għax l-Għarus wasal;**
**Qumu! ħudu l-imsiebaħ,**
**Alleluia!**
**Ħejju għall-Għarus,**
**intom li sejrin tiltaqgħu miegħu!**

It-tieni verzjoni hija kompożizzjoni Romantika-Franċiza mill-istess korali li bih Charles-Marie Widor għandhom joħolqu u jagħmlu memorja għall-mużika organistika ta' Johann Sebastian Bach.

**Bach BWV 645**
**Widor "Marche du Veilleur de Nuit"**

---

## It-tielet ħsieb

Hemm kant gregorjan ta' sbuħija partikulari fejn l-istorfa tiegħu, tagħmel eku għall-kliem tal-kbir profeta Isaija, li tgħid hekk: "Rorate caeli desuper et nubes pluant Iustum". - "Qattru, smewwiet, mill-għoli, u jraxxax is-sħab il-ġustizzja" [Is:45:8].

Il-Rorate huwa l-isbaħ kant ta'dan il-perjodu liturġiku - il-perjodu tal-Avvent. M'hawnx isbaħ minn dan il-kant li jesprimi s-sinifikat tal-istennija tal-Milied u jipprepara li jieħu l-qawwa mill-ġdid li jbiddel il-ħajja personali tagħna u l-ħajja tad-dinja.

**Rorate coeli desuper et nubes pluant Iustum**.

Ir-ritornell hija l-għajta tal-fqir, l-għajta tat-tallab. Hija għajta mimlija diġà b'ċertezza li l-Mulej ġej, biex jaħfer u jifdina. Fid-deżert għeri tagħna, jinżel bħax-xita tal-ħajja, il-ħajja Vera, li waħedha tiffjorixxi fid-desert tal-umanità tagħna, umanità feruta u miġjuba fix-xejn minħabba d-dgħufija tal-mewt. Minn dan infatti jidher li Kristu jsalva u li jidher fil-preżenza tiegħu reali fil-ħajja tal-bniedem: mill-fatt li l-ħajja terġa' titwieled, li l-umanità tiffjorixxi, li r-raġuni tiegħi u l-affezzjoni tiegħi huma miftuħa beraħ u setgħana.

Fit-test u fil-melodija f'dak il-kant, jinġabar f'sintesi, is-sinifikat kollu taż-żmien liturġiku tal-Avvent: dwejjaq, skumdita, deżolazzjoni għall-bniedem midneb u speranza ta' salvazzjoni mwegħda minn Alla u realtà viċina li tagħti konsolazzjoni.

Fil-parti ċentrali ta' dan il-kunċert-meditazzjoni nisimgħu issa 3 verzjonijiet diversi orgaranistiċi ispirati minn dan il-kant "Rorate coeli": l-ewwel u t-tielet huma fl-ambitu franċiż (D. Paul Benoit e J. Demessieux), filwaqt li t-tieni – mit-Taljan-Amerikan, Pietro Yon tiftaħ Suite tal-Avvent fejn kull moviment isejjaħ xi kant magħruf ta' dan il-perjodu ta' stennija: mar-Rorate Caeli, hemm il-melodija ta' *Veni Emanuel, Veni Domini*, u *Ave Maria*, mill-*Creator alme siderum*.

**Dom P. Benoit – P.Yon – Demessieux**

---

**Ir-raba' ħsieb**

Is-sahra (jew il-viġilanza) attiva tagħna hija mimlija bix-xewqat. Hija stennija li turi verament l-etimologija latina: il-kelma mnissla '*ad-tendere'*, li tindika "tensjoni lejn", u "attenzjoni li tingħata lill-", li jagħtina moviment ċentrifugali tal-ispirtu f'direzzjoni oħra, direzzjoni ta' futur. "In-nisrani", jikteb il-Kardinal Newman, "huwa dak li jistenna lil Kristu".

Allura l-Avvent huwa żmien li nissospendu ħajjitna f'stennija ta' futur li għadu ma ġiex relaizzat??? Ikun żmien fejn noqogħdu *stand by -* nistennew xi utopija li lanqas biss nafu jekk hux se sseħħ jew le??

Il-miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żminijiet mhux futur utopiku li forsi huwa minnu li se jseħħ veru, iżda huwa (minn kliem Santu Wistin) il-**preżent tal-futur** li nistennew fl-ISPERANZA - tama. Dan huwa possibbli għaliex għadna wiegħda li ssir ta' kull jum: il-preżent tal-preżent tagħna: Alla huwa magħna.

F'Mattew Kristu jgħidilna "U araw jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien (Mt 28,20).

Għalhekk nistennew lil Dak li diġa hu Alla magħna, li hu l-EMMANUEL.
L-Avvent infatti mhux biss huwa żmien ta' stennija għall-Parousia - is-siegħa li naraw lil Ġesu glorifikat fl-aħħar taż-żminijiet, imma huwa wkoll żmien propizju biex nitgħallmu u naraw l-Emmanuel, l-Alla magħna li huwa preżenti f'kull fażi tal-ħajja tagħna, li kontinwament jiġi jżurna.

Nikkonkludu din il-mixja medittativa mużikali b'test li jiddeskrivi din il-preżenza tal-Qawmien ta' Alla magħna "Ach beib mit deiner Gnade" (Ibqa' magħna bil-grazzja tiegħek) tal-Ġermaniż Sigfrid Karg-Elert.Il-kunċert beda fil-Ġermanja barrokka ta' Bach u se jikkonkuldi fil-Ġermanja tardo-romantika ta' Karg-Elert, li għaddew minn Franza u mill-Italja tas-seklu XIX (dsatax) minn Widor, Benoit, Yon, Demessieux.

Minn dan il-kunċert-meditazzjoni tal-Avvent nixtiequ nikkonkludu bis-sinjal tal-Għid il-Kbir: għaliex huwa l-Għid tal-Mulej li jagħti sens ta' kollox fis-sena liturġika, inkluż ukoll l-Avvent. Infatti bdejna din il-meditazzjoni tal-Avvent b'sinjal tal-Għid (Ejja redentur tal-Popli!" L-Inkarnazzjoni mhix tmiem fiha infisha imma b'Redenzjoni li seħħet, magħmula fil-Qawmien mill-Imwiet tal-Mulej) u dan huwa l-istess sinjal kif nixtiequ nikkonkluduha l-laqgħa tal-llejla: bl-għajta minn qiegħ qalbna: "Ejja Mulej!", u flimkien mad-dixxipli ta' Emmaws ngħidu: "Ibqa' magħna!" Ammen!

***Sigfrid Karg-Elert***